MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Numru 574/2012

Il-Pulizija
(Spettur Roderick Zammit)

vs

Joseph Calleja

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 55480M, akkuzat talli nhar it-13 ta' Mejju 2012, gewwa Triq Sciortino, Zebbug Malta ghall-habta tas-01:25hrs volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni CBE-962, propjeta' ta' Darren Grech I.D. 283491M, liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 Ewro u li ma teccediex l-1,164.69 Ewro ghad-dannu tal-istess Darren Grech.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu, tiddikjarah u ssibu hati. Rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9. Wara li semghet lil persuna leza tiddikjara li thallset ghas-saldu.

Tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------